**KUNSILL LOKALI MUNXAR**
Triq Profs Ġużè' Aquilina
Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 9/07(29_10_07).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tnejn, 29 t' Ottubru 2007, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Munxar. Din il-laqgħa li kellha ssir it-Tnejn, 29 t' Ottubru 2007 ġiet posposta għat-Tlieta, 30 t' Ottubru 2007.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-4.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku.
Is-Sur Mario Camilleri - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.
Is-Sur Patrick Grima - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fit-22 t' Ottubru 2007.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Tqassim ta' responsabilitajiet lil membri tal-Kunsill.
6. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
7. Jum il-Munxar 2007.
8. Attivitajiet Milied 2007.
9. Rapport tas-Sindku.
10. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
11. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
12. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-JD Lifts Supplies Ltd. rigward 'Ecological Lifts – Products Intro'. Il-Kunsill ingħata xi dettalji rigward din is-sistema fosthom ġew elenkati l-vantaġġi tagħha.

2.02 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Silvio Zammit, JS Productions rigward 'Circo Aquatico in Gozo'. Huwa ta xi dettalji dwar f' hiex jikkonsisti dan iċ-Ċirku u dwar ix-*shows* li ser isiru f' Għawdex u talab lill-Kunsill sabiex jikkuntatjah f' każ ta' bżonn.

2.03 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AKL/Ċirk/79/2007 mingħand is-Sur Michael Cohen, President u s-Sur Jimmy Magro, Segretarju Eżekuttiv, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward Seminar Pubbliku organizzat mill-Assoċjazzjoni bħala parti mill-parteċipazzjoni tagħha fil-Proġett MEDINS li jitratta 'Identity is Future: Mediterranean Intangible Space'. Dan is-Seminar Pubbliku ser ikun bit-tema ta' 'Intangible Heritage: Identities and Inter-Cultural Dialogue in the Mediterranean Region' li ser isir fl-10 ta' Novembru 2007, fil-Lukanda Vivaldi, San Ġiljan.

2.04 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Joseph Calleja, Administrator, Universita' ta' Malta – Gozo Centre rigward sensiela ta' korsijiet offruti mill-Ministeru għal Għawdex bħala parti minn proġett ko-finanzjat mill-European Social Fund (ESF) taħt is-'Structural Funds Programme for Malta 2004-2006'. Huwa bagħat *posters* sabiex jiġu mqiegħda f' post prominenti u *brochures* sabiex jitqassmu lill-persuni interessati.

2.05 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA, informazzjoni għall-attenzjoni tal-Kunsill rigward Applikazzjoni Nru. 0106/07 – *Shifting of existing road alignment* fl-*area* magħrufa t-Taksis, Munxar.

2.06 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Ms MaryAnne Bajada, Estate Management Department, Taqsima Proprjeta' tal-Gvern, fi ħdan il-Ministeru għall-Ġustizzja u għall-Intern rigward *clearance* li l-Kunsill kien talab lil dan id-Dipartiment għal Permess PA 04312/02 – *Embellishment of Munxar squares, streets and re-alignment of road and parking layout,* fil-Pjazza u toroq tal-Munxar. Il-Kunsill ġie infurmat li peress li l-art imsemmija hija parti minn triq, il-*clearance* għandu jiġi ottenut mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta. Hija infurmat ukoll li parti mill-art imsemmija hija proprjeta' privata.

2.07 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Kevin Sciberras, Uffiċjal Inkarigat Kultura – Għawdex rigward 'Skema ta' Sussidji għal Presepji Milied 2007'. Huwa ħabbar l-iskema ta' għajnuna u l-kundizzjonijiet għal dawk li ser jesibixxu presepju statiku jew mekkanizzat matul il-jiem tal-Milied 2007.

2.08 Il-Kunsill irċieva ittra permezz ta' *fax* mingħand is-Sur Ruben Curmi, Gozo Cottage rigward 'Participation in Project Gaulos'. Huwa ħabbar li l-Gozo Cottage din is-sena wkoll ser jimporta numru ta' siġar taż-Żebbuġ bħala parti mill-Proġett Gaulos. Huwa ta ftit informazzjoni rigward il-Local Producer Group fi ħdan il-Gozitano Coop. Il-prezz għal kull siġra taż-Żebbuġ ser ikun ta' Lm2.50 *(€5.83)* u ħalla f' idejn il-Kunsill sabiex jiddeċiedi jekk din is-sena hux ser jagħti xi tip ta' sussidju sabiex jinkoraġġixxi aktar tħawwil ta' siġar fil-lokalita'.

2.09 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Peter Gingell, Marketing Executive, MEPA, rigward 'Skema ta' għoti ta' flus għall-Gallariji ta' l-Injam'. Huwa spiega ftit rigward din l-iskema billi fost oħrajn indika min jista' jibbenifika u x' għandu jagħmel l-applikant. Il-Kunsill ġie infurmat li għandu jiġi ikkuntatjat mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward distribuzzjoni ta' materjal relatat ma' din l-iskema li l-MEPA għaddiet lil din l-Assoċjazzjoni.

2.10 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Ms Gabi Calleja, Kordinatriċi, Malta Gay Rights Movement rigward id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2000/78/KE li tirrigwarda l-ugwaljanza fuq il-post tax-xogħol u waqt it-taħriġ u l-leġiżlazzjoni implimentata mill-Gvern Malti li tikriminalizza d-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol. Hija semmiet il-liġijiet relevanti f' dan ir-rigward u tat spiegazzjoni dwar din il-leġiżlazzjoni. Hija bagħtet *poster* sabiex jitwaħħal f' post prominenti u anke' jistgħu jipprovdu kopja eletronika tal-*poster* sabiex ikun jista' jiġi iċċirkolat permezz ta' *e-mail*. Huma lesti wkoll li jiddiskutu b' mod kunfidenzjali mezzi u miżuri sabiex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni b' mod sħiħ.

2.11 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Av. Joseph Grech, Manager Gozitano Producers' Organization rigward Seminar organizzat flimkien mal-Kunsill Lokali Nadur, iċ-Charter of European Rural Communities, il-Confederazione Italiana Africoltori (Pisa section) u l-Associazione GB Landeschi (San Miniato). Il-Kunsill ġie mistieden sabiex jattendi għal dan is-Seminar bit-tema 'Common Agricultural Policy 2007 - 2013 and its Impact in Malta', li ser isir mid-9 sal-11 ta' Novembru 2007, fil-Gozitano Conference Hall, Xewkija.

2.12 Il-Kunsill irċieva kopja ta' Stqarrija, datata l-Ħamis, 18 t' Ottubru 2007 bl-isem ta' 'Inizjattivi u Proġetti Lokali għal ġid tar-Residenti', miktuba mis-Sur Malcolm Mifsud, President, Kulleġġ Kunsilliera Partit Nazzjonalista.

2.13 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Fred Bezzina, Direttur Eżekuttiv, Kummissjoni Nazzjonali Persuni b' Diżabilita' fejn qed jistieden lis-Sindku u żewġ membri mill-Kunsill sabiex jattendu għal Quddiesa Solenni, fit-2 ta' Novembru 2007, fil-Konkatidral ta' San Ġwann. Din il-Kummissjoni qiegħda torganizza diversi attivitajiet matul din is-sena sabiex tfakkar is-Sena Ewropea għall-Opportunitajiet Indaqs u wkoll l-Għoxrin Anniversarju mit-twaqqif tagħha.

2.14 Il-Kunsill irċieva permezz ta' *e-mail*, korrispondenza li għaddiet bejn l-Avukat Ian Micallef f' ismu u f' isem il-membri eletti għan-nom tal-Partit Nazzjonalista fuq l-Eżekuttiv ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u l-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Stqarrija għall-Istampa Nru.27_2007 – Il-Kunsilli Lokali jitħallew barra mill-*Budget Speech* tal-Prim Ministru', miktuba mis-Sur Michael Cohen, President, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

2.15 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Dr. Michael Caruana LL.D, President, The Gozo Business Chamber rigward is-'7th Insuleur Forum - Gozo 2007' li ser isir fit-2 ta' Novembru 2007 fil-Grand Hotel, Għajnsielem. Huwa bagħat kopja tad-*draft programme* u formola ta' reġistrazzjoni u stieden lill-Kunsill sabiex jattendi.

2.16 Il-Kunsill irċieva permezz ta' *e-mail* mingħand is-Sur David Soler, Uffiċjal Awtorizzat tal-Gozo Joint Committee for Law Enforcement kopja tal-Minuti tal-Laqgħa Nru. 9/07 li saret fit-28 ta' Settembru 2007, sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lill-Kunsilliera.

2.17 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Daniel Micallef, Deputy Secretary, Labour Youth Forum, Malta Labour Party rigward il-Konferenza Nazzjonali bit-tema 'An Energy Plan for Malta' li ser issir fis-27 t' Ottubru 2007 fil-Hilton, Malta. Huwa bagħat kopja tal-programm u stieden lill-Kunsill sabiex jipparteċipa f' din il-Konferenza.

2.18 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Brian Zammit, Producer, D Gossip Productions, rigward Programm Televiżiv li ser jibda jixxandar mill-ewwel ta' Jannar 2008 fuq UTV. Il-Kunsill ġie infurmat li sabiex jipparteċipa hemm spiża minima ta' Lm165*(€384.35) plus* VAT.

2.19 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Alan Bonnici, Managing Director, onNeutral, fejn introduċa s-servizz ta' Remote Storage Backup li huma qed joffru sabiex ma jintilfux *files* tal-kompjuter b' konsegwenza ta' diversi raġunijiet. Huwa spiega ftit dwar kif taħdem din is-sistema u l-offerta li qed jagħtu. Huwa ħeġġeġ lill-Kunsill sabiex jikkuntatjah f' każ ta' bżonn u ta l-indirizz tal-*website* tagħhom għal aktar informazzjoni.

2.20 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Fabienne Grech, Uffiċjal Inkarigat mill-Uffiċċju tal-Kura ta' l-Anzjani, fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex rigward 'Kors tal-U3E f' Għawdex 2007-2008' li ser jibda fis-26 t' Ottubru 2007, fiċ-Ċentru ta' l-Universita', Xewkija. Mehmuż kien hemm ukoll it-*time-table* tal-*lectures*. Il-Kunsill intalab iwassal dan l-avviż għand l-anzjani li huma interessati u ġie issuġġerit jisponsorja żewġ anzjani li qatt ma kellhom l-okkażżjoni li jattendu l-Universita' tat-Tielet Eta' sabiex jattendu għal dan il-kors.

2.21 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Manuel Grima, Uffiċċju Attivitajiet Kulturali, Taqsima Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex rigward il-pubblikazzjoni ta' Kalendarju Kulturali għas-sena 2008. Il-Kunsill ġie mitlub sabiex jibgħat lil dan l-Uffiċċju materjal dwar attivitajiet li ser jorganizza matul is-sena speċjalment dawk li huma fuq bażi annwali.

2.22 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Avviż ta' Infurzar li l-MEPA bagħtet lil sid ta' sit fix-Xlendi. Dan kien rigward sit fi Triq iż-Żirżieb minħabba żvilupp mingħajr permess li jikkonsisti fi skavar u tqattigħ ta' blat.

2.23 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Avviż ta' Infurzar li l-MEPA bagħtet lil persuna rigward it-Torri tax-Xlendi, fix-Xlendi. Dan kien minħabba żvilupp mingħajr permess li jikkonsisti f' manutenzjoni fuq proprjeta' skjedata.

2.24 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Avviż ta' Infurzar li l-MEPA bagħtet lil sid ta' sit fil-Munxar. Dan kien rigward sit fi Triq Ras il-Bajjada minħabba żvilupp mingħajr permess li jikkonsisti fi struttura tal-metal, kif ukoll ħażna ta' materjal tal-bini u makkinarju ieħor relatat ma' din l-industrija.

2.25 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Noel Formosa, Sindku ta' San Lawrenz u Rappreżentant Reġjonali fejn informa lill-Kunsill li l-Forum Malta f' Ewropa talbitu jibgħat informazzjoni kif il-Kunsilli Lokali Għawdxin kienu kapaċi jagħmlu użu tajjeb minn programmi ta' l-Unjoni Ewropea minħabba li bħalissa tinsab fil-proċess biex tippubblika serje ta' *booklets* dwar il-parteċipazzjoni ta' Malta fil-programmi ta' l-Unjoni Ewropea. Huwa talab lill-Kunsill sabiex jekk kellu proġetti iffinanzjati mill-Unjoni Ewropea, jibgħatlu lista ta' proġetti li fihom ipparteċipa u informazzjoni dwarhom.

2.26 Il-Kunsill irċieva ittra ta' *Reminder* mingħand Ms Deborah Pace, Dipartiment għall-Gvern Lokali b' kopja lill-Ministeru għal Għawdex u lill-Perit John Sciberras, Dipartiment ta' l-Artijiet rigward 'Devoluzzjoni ta' Plot 45, Triq il-Profs. Ġuże' Aquilina'. Saret referenza għall-ittra li l-Kunsill kien bagħat lid-Dipartiment ta' l-Artijiet u lill-Ministeru għal Għawdex sabiex jagħtu għajnuna lill-Kunsill biex jinstab post alternattiv lill-Pulizija li qed jokkupaw parti minn dan il-*plot*. Hija talbet sabiex id-Dipartiment għall-Gvern Lokali jiġi informat kienx hemm xi żviluppi f' dan ir-rigward.

2.27 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Ms Silvia Zammit mill-Ministeru ta' l-Onor. Edwin Vassallo, Parliamentary Secretary for Small Businesses and Self Employed fejn infurmat lill-Kunsill li l-Onor. Edwin Vassallo jixtieq jorganizza laqgħa mal-Intraprendituri lokali fis-6 ta' Novembru 2007, fl-4 ta' filgħaxija fil-Kunsill Lokali. Hija talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill.

2.28 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Fabienne Grech, Uffiċjal Inkarigat mill-Uffiċċju ta' l-Anzjani, Ċentru ta' Matul il-Jum għall-Anzjani rigward laqgħa li fiha ser jiġi diskuss il-progress li sar f' dan iċ-Ċentru u jiġu mfassla pjanijiet għat-3 snin li ġejjin peress li wasal biex jiġġedded il-ftehim taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum għall-Anzjani. Il-Kunsill ġie mistieden sabiex jattendi għal din il-laqgħa li ser issir il-Ġimgħa, 19 t' Ottubru 2007, fil-Ministeru għal Għawdex.

2.29 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Dr Marthese Portelli għan-nom tas-Sur Joe Fenech Conti, Datatrak rigward preżentazzjoni relatata mal-LES Service Contract li ser issir fl-1 ta' Novembru 2007 speċifikament għar-Rappreżentanti Għawdxin. Hija bagħtet kopja tal-programm u ħeġġet lill-Kunsill sabiex jattendi.

2.30 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 05976/07 – *Proposed additions and alterations to dwelling*, fi Triq Ta' Rinota, Munxar. Il-Kunsill ġie infurmat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjoni jridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.31 Il-Kunsill irċieva ittra u avviż mingħand il-*Management* tal-Pamargan Products Limited fejn ġie mħabbar li għandhom xi postijiet tax-xogħol vakanti. Il-Kunsill ġie mitlub sabiex iwaħħal l-avviż fuq in-*notice boards* ħalli jkunu jistgħu jarawh in-nies tal-lokalita'.

2.32 Il-Kunsill irċieva mingħand il-Ministeru għal Għawdex *booklet* b' informazzjoni rigward 'The Day Centre for the Elderly - Gozo' inkluż il-lista ta' attendenza kull xahar minn kull raħal f' Għawdex mis-sena 2004 sas-sena 2007. Il-Kunsilli li huma parti fid-Day Centre Project ġew mitluba sabiex ikomplu jinkoraġġixxu aktar anzjani mil-lokalita' sabiex jattendu u jieħdu sehem fl-attivitajiet li jipprovdulhom. Il-Kunsill iddeċieda li jibgħat lill-anzjani tal-lokalita'.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand resident li joqgħod fi Triq San Pawl, Munxar. Huwa qed jilmenta li f' għalqa faċċata tad-dar tiegħu ntefa' terrapien. Ġie deċiż li dan l-ilment jiġi irreferut lill-MEPA.

3.02 Il-Kunsill irċieva talba mingħand persuna li toqgħod fi Triq San Pawl, Munxar. Din qed titlob sabiex issir bankina quddiem il-proprjeta' tagħha. Peress li din hija bankina ġdida, din it-talba ser tiġi rreferuta lid-Diviżjoni tax-Xogħlijiet.

3.03 Fuq talba tal-Kunsill, l-Inġinier Renzo Curmi għamel kwotazzjoni dwar rapport biex isir tibdil u żieda fis-sistema tad-dawl tax-Xlendi. Huwa qed jitlob is-somma ta' Lm165.20 *(€384.82)* għar-rapport u 4.23% tax-xogħlijiet jew Lm8.00 *(€18.64)* kull siegħa kif stipulat fil-kuntratt li diġa' għandu mal-Kunsilli t' Għawdex.

3.04 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand sid ta' proprjeta' fi Triq l-Għar ta' Karolina, Xlendi. Huwa qed jilmenta dwar it-taraġ li qed isir biċ-ċangatura għax qed jallega li jiżloq u li qed jidħol l-ilma fil-proprjeta' tiegħu. Ġie deċiż li l-Kunsill jibgħat lill-Perit Saliba biex jinvestiga dan l-ilment.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 9/07(29_10_07).

**5.00 Tqassim ta' responsabilitajiet lil membri tal-Kunsill.**

5.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien iċċekkja l-liġi dwar responsabilitajiet u irriżulta li biex jitqassmu dawn iridu jsiru Kumitati jew Sotto-Kumitati. Is-Sinjura Carmen Said irrimarkat li ma hux neċessarjament li jsiru Kumitati peress li hemm ħafna Kunsilli oħra li qassmu r-responsabilitajiet mingħajr ma saru l-Kumitati. Ġie deċiż li s-Sindku jiċċekkja dwar dan.

Il-ħin kien is-6.30 ta' filgħaxija u ġie deċiż li l-laqgħa tiġi aġġornata għas-6 ta' Novembru 2007, fis-6 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa tkompliet nhar it-Tlieta, 6 ta' Novembru 2007 u bdiet fis-6 ta' filgħaxija.
Preżenti; Is-Sur Joseph Sultana - Sindku, s-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku, s-Sur Mario Camilleri - Kunsillier, is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier, is-Sur Patrick Grima - Kunsillier u s-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Il-Kunsill iddeċieda li jibda jiddiskuti *item* 6 ta' l-Aġenda tal-laqgħa.

**6.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

6.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li ħaddiema mit-Taqsima tax-Xogħlijiet kienu ġew jimmarkaw fejn ġejja l-bankina ta' quddiem il-Kunsill. Il-Perit Portelli li huwa inkarigat mit-twessiegħ fi Triq Santa Dminka u Triq il-Profs. Ġuże' Aquilina kien ser jagħmel *site inspection* biex jara x' xogħlijiet li jonqsu li jsiru.

**7.00 Jum il-Munxar 2007.**

7.01 Il-Kunsill kien iltaqa' fit-22 t' Ottubru 2007 biex jiġi diskuss il-programm dwar ċelebrazzjonijiet għal Jum il-Munxar. Peress li din is-sena ser jiġi iċċelebrat il-50 sena, l-Kappillan, Dun Tonio Galea ġie mistieden li jkun preżenti. F' din il-laqgħa ġie deċiż li s-Serata ta' Jum il-Munxar issir l-Erbgħa, 12 ta' Diċembru 2007 u l-ħin ser ikun fis-7 ta' filgħaxija. Qabel is-Serata li ser issir fiċ-Ċentru Parrokkjali, l-quddiesa tas-6 ta' filgħaxija ser tkun konċelebrata ta' l-okkażżjoni.

7.02 Il-Kunsill kien ser joħroġ sejħa sabiex jingħata 'Ġieħ il-Munxar'. Din is-sejħa ser tagħlaq fil-15 ta' Novembru 2007.

7.03 Il-Kunsill ser iniedi Kompetizzjonijiet ta' Komponimenti u ta' Pittura.

Kompetizzjoni ta' Komponimenti

Kategorija A – Studenti minn *Year* 4 sa *Form* 1.
Kategorija B – Studenti minn *Form* 2 sa *Form* 5.

Tema: Munxar – Raħal Twelidi

Il-Komponiment ta' Kategorija A irid ikun madwar 200 kelma.
Il-Komponiment ta' Kategorija B irid ikun madwar 400 kelma.

Din il-Kompetizzjoni hija miftuħa għar-residenti tal-Munxar u Xlendi biss.
Il-Ġurija ser tkun persuna indipendenti mill-Kunsill li ma tkunx mil-lokalita' tal-Munxar.
Ir-Rebbieħa ser jiġu ppreżentati b' rigal f' attivita' li ser jorganizza l-Kunsill f' Jum il-Munxar – it-12 ta' Diċembru 2007. Il-Komponimenti kollha li jieħdu sehem ser jiġu esibiti f' Wirja li ser tittella' fiċ-Ċentru Parrokkjali.
Dawk l-istudenti interessati huma mitluba sabiex jippreżentaw il-Komponiment flimkien ma' kopja taċ-Ċertifikat tat-Twelid issiġillati f' *envelope* fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill sa mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru 2007.

Kompetizzjoni ta' Pittura

Kategorija A - sa *Year* 4.
Kategorija B - minn *Year* 5 sa *Form* 1.
Kategorija Ċ - minn *Form* 2 sa *Form* 5.
Kategorija D - minn *Sixth Form* 'il fuq.

Tema: Munxar – Raħal Twelidi

Il-Pittura għandha tkun fuq karta daqs A3.

Din il-Kompetizzjoni hija miftuħa għar-residenti tal-Munxar u Xlendi biss.
Tintgħażel l-aħjar Pittura ta' kull Kategorija u mbagħad l-aħjar xogħol fost l-erba' Kategoriji. Ir-Rebbieħa ser jiġu ppreżentati b' rigal f' attivita' li ser jorganizza l-Kunsill f' Jum il-Munxar – it-12 ta' Diċembru 2007. Il-Pittura kollha li tieħu sehem ser tiġi esibita f' Wirja li ser tittella' fiċ-Ċentru Parrokkjali.
Il-Ġurija ser tkun persuna indipendenti mill-Kunsill li ma tkunx mil-lokalita' tal-Munxar.
Il-Pittura trid tasal għand il-Kunsill sa mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru 2007.

Tfal ta' membri u ħaddiema tal-Kunsill ma jistgħux jieħdu sehem f' dawn il-Kompetizzjonijiet iżda ser tittella' *board* apposta fejn ser jiġi esibit ix-xogħol tagħhom.

Ser jingħata premju għal kull kategorija u ser ikun jikkonsisti f' *voucher* ta' Lm10 *(€23.30)* kull premju.

7.04 Il-Kunsill għandu jikkuntatja lill-Big Band Brothers sabiex jagħtu Kunċert ta' tlett kwarti waqt is-Serata. Jekk dawn jitolbu prezz għoli, l-Kunsill jikkunsidra li jġib xi *beat group*.

7.05 Il-Pittura li tieħu sehem ser ikunu esibiti minn ġimgħa qabel is-Serata fiċ-Ċentru Parrokkjali. Ser jiġu esibiti wkoll edizzjonijiet passati tar-rivista 'Id-Dawl'. Il-Kappillan ser jieħu ħsieb jagħmel *slide show* dwar din ir-rivista.

7.06 Ftit qabel is-Serata, l-Kunsill kien ser jagħmel logħob tan-nar. Kien ser jiġi ordnat b' kemm jiswa Lm150 *(€349.41)* u ser isiru l-permessi tal-Pulizija u *insurance* li jiswew Lm80 *(€186.35)*.

7.07 Il-Kunsill kien ser jagħti *hamper* lill-anzjani 'il fuq minn 90 sena u lill-persuni ħandikappati tal-lokalita'.

7.08 Il-Kappillan kien ser jieħu ħsieb biex issir *sketch* b' messaġġ li fih tagħlima. Il-Kappillan kien ser javża biex f' Jum il-Munxar ir-residenti jtellgħu l-bandiera fuq il-bejt. Il-Kunsill iddeċieda biex f' Jum il-Munxar it-tiżjin tat-toroq tal-Milied ikun lest u mixgħul.

**8.00 Attivitajiet Milied 2007.**

8.01 Il-Kunsill kien ser jorganizza ħarġa għall-anzjani nhar it-8 ta' Diċembru 2007, festa tal-Kunċizzjoni. Nitilqu mill-Pjazza tal-Knisja fit-8.15 ta' filgħodu u nżuru l-Kunċizzjoni tar-Rabat u nisimgħu quddies fil-Knisja tal-Kapuċċini tar-Rabat. Waqt li l-anzjani jkunu qed jieħdu kafe' fil-Lukanda Calypso, issir taħdita dwar is-saħħa.

8.02 Il-Kunsill ser jorganizza ħarġa għat-tfal tal-lokalita' u jittieħdu f' Ċinema biex jaraw *film*. It-tfal jingħataw *snacks* u *drinks*. Il-ġurnata tkun bejn il-Milied u l-1 tas-Sena, iżda l-ġurnata tiġi deċiża wara li jiġi ikkuntatjat il-Kappillan biex ma taħbatx ma' xi attivita' tiegħu.

8.03 Din is-sena l-armar tal-Milied ser ikun fdat lill-Għaqda ta' l-Armar tal-Munxar. Ser tintrama s-siġra ta' quddiem il-Kunsill, l-istilla fuq il-Latrina tal-*Playing Field* u xi armar ieħor fil-Pjazza u fi Triq il-Madonna tal-Karmnu. Jekk l-armar ikun fih *running light*, dawn ser jingħataw is-somma ta' Lm400 *(€931.75)* VAT inkluż.

**9.00 Rapport tas-Sindku.**

9.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien kellem l-Inġinier Bajada biex ineħħi l-bajtar tax-xewk li qed joħroġ barra t-triq fi Triq ix-Xlendi. Il-Kuntrattur MPJ Ltd. kien beda x-xogħol fit-tieni fażi.

9.02 Is-Sindku informa lill-Kunsill li wara diversi ilmenti dwar bankina li saret 'il barra mil-linja, s-Sid qed jitlob biex din titkisser. Kien hemm qbil li l-Kunsill iqabbad lil William Xuereb biex ikissirha.

**10.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

10.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien irċieva mingħand il-MEPA li l-Urban Improvement Fund (UIF) kienu Lm8,550 *(€19916.15)* għall-Munxar u Lm10,800 *(€25157.24)* għax-Xlendi. Peress li l-MEPA aċċettat li jiġu ikklejmjati minn dawn il-fondi fuq xogħlijiet li diġa' saru, l-Kunsill applika għall-fond kollu tal-Munxar li jammonta għal Lm8,550 *(€19916.15)* peress li diġa' sar xogħol fil-*Playing Field* b' aktar minn dak l-ammont. Għax-Xlendi saret talba ta' Lm4820.18 *(€11228.00)* peress li kien sar xogħol ta' pavimentar fi Triq ix-Xatt. Dawn it-talbiet ser jitressqu lill-Bord u għandna nirċievu risposta fil-jiem li ġejjin.

10.02 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill dwar il-Project WDCNET tal-programm ta' EU: Interreg 11B Archimed. Il-Kumpanija Vodafone Malta qed toffri lill-Kunsill servizz ta' *internet* fil-postijiet indikati mill-Kunsill li fil-każ tal-Munxar ser isir fil-*E-Room* tal-*Playing Field*, fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi u fil-kamra ta' l-ex Bank of Valletta ATM ta' Pjazza Anfori. Il-ħsieb tal-Kunsill hu li permezz ta' dawn is-servizzi nkunu nistgħu nibagħtu *video signals* biex jixxandru mill-*website* tal-Kunsill.

10.03 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien irċieva *e-mail* mingħand il-Monitoring Unit tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward l-Estimi Annwali 2007/2008. Mill-*Cash Budget*, il-Kunsill qed jipproġetta li s-sena tispiċċa bil-bilanċ ta' Lm411 *(€957.38)* u f' din is-sena ser isiru Proġetti Kapitali għall-ammont ta' Lm58,500 *(€136,268.35)*. Id-Dipartiment qed jara li hemm ir-riskju li l-Proġetti jammontaw għal aktar minn dak ipproġettat. Is-Segretarju Eżekuttiv assigura lid-Dipartiment li l-Kunsill mhux ser jonfoq aktar milli hemm f' estimi.

**11.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

11.01 Is-Sinjura Carmen Said ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li Triq il-Kantra fix-Xlendi ma tixgħelx. Il-Kunsill kien jaf b' din il-problema u kien qed isir dak kollu possibbli biex il-ħsara ta' dik it-triq u xi ħsarat oħra li ġew ikkawżati mill-maltemp jissewwew.

Is-Sinjura Carmen Said fakkret ukoll dwar dik il-bankina ta' Triq il-Puniċi peress li għadha ma saretx. Din il-bankina ser issir mill-ħaddiem *attached* u bħalissa qed jieħu l-*leave*.

Il-ħin kien it-8.15 ta' filgħaxija u s-Sur Patrick Grima talab jiġi skużat u ħareġ mil-laqgħa.

11.02 Is-Sur Mario Camilleri talab li l-Kunsill jirranġa Sqaq Dun Mikiel Anġ. Spiteri billi isir wiċċ ġdid bl-*Istencil Concrete*. Is-Sinjura Carmen Said fakkret li xi snin ilu l-Kunsill kien ser jagħmel dak ix-xogħol iżda kien hemm problemi u fuq parir ta' l-Avukat kien ġie deċiż li ma jsir xejn. Is-Sindku għandu jiċċekkja ma' sidien ta' proprjeta' f' dan l-Isqaq u din il-materja tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

**12.00 Materji oħra.**

12.01 Is-Sindku reġa' ġie avviċinat mill-Bidwi li kien talab xi *concrete* għar-rampa li tagħti għar-raba' tiegħu fi Triq ix-Xlendi. Huwa qed jitlob li jekk il-Kunsill ma jridx jipprovdi l-konkos kollu, jista' jipprovdi anke' parti. Ma kienx hemm qbil dwar din it-talba.

12.02 Is-Sindku ġie avviċinat minn xi bdiewa fejn talbu biex il-Kunsill ikompli passaġġ fi Triq ix-Xatba li kien sar bil-*concrete* mill-Kunsill. Huma għandhom bżonn 4 jardi u t-twettija ser issir mill-bdiewa nfushom. Kien hemm qbil dwar dan.

12.03 Is-Sindku informa lill-Kunsill li sid ir-Ristorant C Seven qed jitlob biex titwessa' l-bankina tan-naħa tal-*Parking* u b' hekk tiġi mal-linja tal-bankina ta' quddiem il-Lukanda St. Patrick's. Il-*Parking* għat-*taxis* ser jibqa' hemm u l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta ma jsibu l-ebda oġġezzjoni li l-bankina titwessa'. Ġie deċiż li l-membri tal-Kunsill imorru fuq il-post u jiġi deċiż f' laqgħa oħra.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30 ta' filgħaxija u ġie deċiż li dwar laqgħa oħra jiġi miftiehem aktar 'il quddiem.

| | |
|---|---|
| **Joseph Sultana** | **Anthony Grech** |
| ***Sindku.*** | ***Segretarju Eżekuttiv.*** |